MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 732/2002

**Sandra Fsadni**
**vs**

**Pierre Cauchi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta' Gunju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fl-1 t'Ottubru 1983 fil-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' San Giljan, kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn annessa Dok "A";

Illi l-kunsens tal-attrici nkiseb bi vjolenza u jew biza', tal-Ligijiet ta' Malta, il-kunsens taghha nkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament

il-hajja mizzewga, illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u jew b'anomalija psikologika serja lil ghamlitha mpossibbli lill-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga – dan kollu a tenur ta' l-**artikolu 19 (a), (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi ghalhekk iz-zwieg kien null u inattendibbli u minghajr effett.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-1 t'Ottubru 1983 kien null u bla effett.

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici datata l-1 ta' Lulju 2002 li permezz taghha esebiet ic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 t'Ottubru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, ta' Vanda Fsadni, u ta' Ranier Fsadni.

Rat il-verbali tal-20 ta' Frar 2003 fejn Dr. Simon Micallef Stafrace ghall-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici. Il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits b'hamsin (50) gurnata ohra; u tas-6 ta' Mejju

2003 fejn fuq talba ta’ Dr. Patrick Galea ghall-attrici l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta’ Jannar 2004.

Rat li minkejja li l-konvenut permezz tad-difensur tieghu fl-20 ta’ Frar 2003 ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici, baqa’ ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attrici tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit datat l-istess affdavit 20 ta’ Jannar 2003 fejn sostniet illi:-

*“Jiena llum ghandi hamsa u erbghin (45) sena, professjoni Ortottista, jigifieri terapija oftalmika, u wkoll Omeopata, jigifieri nipprattika medicina alternattiva.*

*Illi qed nipproponi talba ghall-annullament taz-zwieg tieghi in bazi ghal kunsens tieghi illi kien ottenut bi vjolenza jew pressjoni morali biex nizzewweg, illi l-kunsens tal-parti l-ohra kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u l-konvenut rabat il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.*

*Illi z-zmien ta’ l-adoloxxenza tieghi kien wiehed generalment definit normali: kelli diversi fiamme u esperjenzi emozzjonali normali ghal tfajla ta’ dik l-eta’. Jiena ltqajt ma’ Pierre Cauchi meta kelli hamsa u ghoxrin (25) sena. Iltqajt mieghu meta gie ma’ habib tieghu lejliet*

*l-ewwel tas-sena tal-1981. Dan il-habib tieghu kien ukoll habib tieghi u hekk sar l-ewwel inkontru. Ma niftakarx ezattament kif bdejna nohorgu flimkien, ikolli nghid illi konna ncemplu lil xulxin izda nghid ukoll illi kien beda jigi ghand il-mama'. Konna wkoll nohorgu niehdu 'drink' jew niffrekwentaw 'Restaurants'; izzewwigna sena u ghaxar xhur wara li ltqajna l-ewwel darba, minkejja li xi darba jew darbtejn jiena ghidtlu ahjar nistennew u tajtu ragunijiet ghaliex;*

*Illi l-ewwel sitt xhur li hrigna flimkien kienu normali. Meta wasal it-tmien xahar rajtu bired u hassejt illi kien assuma illi ser nizzewgu meta fil-fatt qatt ma kien ipproponieli jew semmieli zwieg f'termini ta' relazzjoni. Fil-fatt illum nirrealizza illi ma kien hemm ebda passjoni jew involviment emozzjonali f'din li ser nizzewgu izda donnu assunzjoni ta' fatt min-naha. Niskanta wkoll bija nnifsi kif bqajt ghaddejja. Kien semma zwieg f'kuntest per ezempju fejn sejrin noqoghdu. Missieru kellu mezzanin Bay Junction, St. Julians' li kien zvojta u kien assuma li serjrin noqoghdu hemm.*

*Illi minn hemm bdejna nirrangaw id-dar, naghmlu l-preparamenti ghaz-zwieg, izda nghid illi ftit kien hemm attenzjoni u zvilupp tar-relazzjoni taghna. Jiena ntbaht illi konna qeghdin fuq livelli differenti, fis-sens illi bdejna fuq affarijiet essenzjali ma nikkonvergux u eventwalment niddivergu. Jiena certa li dan Pierre ma rrealizzahx, tant illi jiena f'mument minnhom iddecidejt niffaccjah. Xi tliet xhur qabel it-tieg, iddecidejt illi nkellmu fil-privat – u ghidtlu illi jidhirli illi m'ahniex naqblu fuq l-affarijiet bazici biex ikollna zwieg u tlabtu pawsa ta' riflessjoni ta' ftit xhur. Hu deherlu illi ma kien ebda bazi ghal posponiment, deherlu illi ma kien hemm xejn hazin jew ta' anomalija fir-relazzjoni u qalli li ghandi "normal wedding nerves", mentri l-preokkupazzjonijiet tieghi kienu serji.*

*Illi dan jiena rrepetejtu darb'ohra quddiem il-mama' li ghandna nistennew u fil-prezenza taghha kien qalli "jew issa jew xejn". Jiena fic-cirkostanzi cedejt ghaliex bzajt illi jitlaqni u nitilfu. Naghraf illi ma kontx fi stat illi kelli l-kuragg tax-xelti u tad-decizjoni ghaliex li kieku kelli, ma*

*kontx nizzewweg. Jiena ghalaqt ghajnejja ghall-konsegwenzi u dhalt ghaz-zwieg taht din il-pressjoni u biza' illi jiena ser nispicca nitilfu.*

*Illi wara ftit xhur taz-zwieg jiena bdejt insemmi illi ahjar nibdew familja, ghaliex dan kien wara kollox wiehed mir-ragunijiet illi kien inducieni nfittex iz-zwieg. Kien kostantement evaziv fuq is-suggett sa meta fl-ahhar qalli illi ma riedx tfal. Jiena dan ma stajtx nifhmu, niftakar illi hadtha bi kbira illi ma kienx urieni b'dan ghaliex kieku certament ma kontx niehdu b'zewgi. Inzid nghid ukoll illi dan il-fattur kien kataklisma ghad-deterjorament rapidu tal-ftit relazzjoni li kellna sa meta fl-ahhar irrealizzajt illi kien ghaddej iz-zmien, jiena xtaqt t-tfal u kont qed nahli l-hin mieghu u ghalhekk fittixt is-separazzjoni. Nghid illi meta sseparajt kelli diga' ormai wiehed u tletin (31) sena, ghal ragunijiet illi ser nispjega aktar 'l isfel, illum x'kien jew seta' kien il-motiv tal-fatt illi ma kienx irid tfal.*

*Illi meta nhares lura nirrealizza illi jiena ma tajtx kunsens liberu ghaliex kont taht pressjoni minnu u jiena bi dghjufija li llum ma nistax nifhem jew forsi mmaturita', cedejt u ghalaqt ghajnejja. Ma nistax nghid illi jiena dhalt ghaz-zwieg pjenament konsapevoli u b'xelta libera izda pjuttost kwazi taht il-biza', apprensjoni u t-theddid "jew issa jew xejn", u allura bzajt. Nifhem ukoll illi messni nsistejt fuq iz-zmien biex inqis u nirrifletti halli nkun nista' niehu decizjoni trankwilla, serena, cara u minghajr pressjoni. Dan irrid nispjegah fl-isfond illi relazzjoni ftit li xejn kienet tezisti. Nista' nghid illi ma kienx hemm unita' ta' direzzjoni u lanqas xi komunikazzjoni partikolari fuq ebda livell; allura jiena kelli scenario personali ta' relazzjoni ambigwa izda minhabba l-immaturita', incertezza u nuqqas ta' esperjenza hassejtni kostretta illi nibqa' ghaddejja u naghlaq ghajnejja ghaliex allura rrealizzajt illi kien tard wisq biex inwaqqaf il-process – b'dar avvanzata, sitwazzjoni fejn Pierre kien jigi d-dar u jqatta' zmien twil hemm, u assunzjoni mill-genituri taghna u ta' kulhadd ta' madwarna illi ser u ghandna nizzewgu. Jiena nhares lura u nghid illi messni kont aktar b'sahhti u ma cedejtx ghall-pressjoni.*

*Illi l-fattur l-iehor illi kien totalment imprevedibbli u mprevist u li kien laqatni hazin hafna huwa meta ntbaht illi Pierre assolutament ma riedx jaf bi tfal. La l-krib tieghi, la l-indirizz ghas-sens u ghar-raguni jew ghall-emottivita' ma seta' jipprevali fuqu. Illum nirrealizza illi din kienet intenzjoni fformata qabel iz-zwieg illi biha ma wrienix ghaliex kieku ma kontx ser naghmel il-pass.*

*Illi din kienet l-ahhar ghanja tac-cinju taz-zwieg taghna. Kien evidenti illi dak li huwa essenzjali biex isehh u jghaqqad zwieg ma kienx jezisti minn qabel, ghalkemm jien intbaht b'dan biss wara li zzewwigna. Kien bil-wisq car, partikolarment minhabba l-eskluzjoni tieghu totali u konsistenti li skoprejt ukoll kienet intenzjoni ffurmata qabel iz-zwieg illi ma jridx tfal. Apparti dan, kif spjegajt kont taht pressjoni illi nizzewweg u llum nifhem illi ma kellix apprezzament u ma fhimtx x'inhu essenzjali fiz-zwieg, sitwazzjoni maturata wkoll mill-korteggjament qasir. Wara dan, giet diaspora u jiena tlaqt. Eventwalment kien gabli avukat u konna ffirmajna d-dokumenti ta' separazzjoni. Kuntratt wara xejn ma kien hemm, hlief li jiena hrigt mill-esperjenza mwegga' u deluza."*

Illi gew ipprezentati wkoll zewg affidavits ohra mill-attrici, cjoe' dak ta' ommha **Vanda Fsadni**, u ta' huha **Ranier Fsadni**.

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attrici ppremettiet illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress li l-kunsens ta' wahda u/jew l-iehor mill-partijiet ghall-istess kuntratt kien vizzjat ghal diversi ragunijiet previsti mill-**artikolu 19 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u precizament ghal dak li hemm indikat **fis-subincizi (a), (c), (d) u (f) tal-artikolu 19 (1) tal-istess Kap 255.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'";*

***(c)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **“Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim’ Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta’ Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *“in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear”.*

Illi pero’, kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn**,* u ***Brown R.*** *“there must also be some objective gravity that is at least prudently feared.”* Ghalkemm wiehed irid iqis biza’ b’mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita’ tal-biza’ li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta’ biza’ xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **“Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri”,** P.A. (F.D.) fis-6 ta’ Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*“Ghal dak li jirrigwarda l-biza’ din tista’ tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta’ dak il-hin, kemm minn haga li tista’ tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta’ min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista’ jigrilu”.*

Illi fil-kawza **“Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe.”** (P.A. (F.D.) fit-12 ta’ Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza’ bhala *“dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta’, hekk li, precizament minhabba din il-biza’, ‘quis cogatur ad contrahendum matrimonium”.*

Illi fis-sentenza **“Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca”,** (P.A. (F.D. – 16 ta’ Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza’ hija *“the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse”.*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi t-tieni premessa li l-attici bbazat it-talba taghha fuqha hija dik skond id-dispozizzjonijiet tal**-artikolu 19(1) (c) tal-Kap 255** u cjoe' jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li

jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che <u>il dolus abbia influsso nel consenso</u>, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (<u>op</u>. <u>cit</u>. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun <u>tista'</u> mix-xorta taghha tfixkel <u>serjament</u> il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ssemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-

zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso…. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui*

*non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,* Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

*Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:-*

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi rigward **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** dan jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna",** (P.A. 31 ta' Jannar 1996), u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"**, (P.A. 14 ta' Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et"**, (Qorti tal-Kummerc, - 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912):-

*"A poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kaz **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju, 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-Qorti f'decizjoni ohra Taghha **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. – 22 ta' Gunju, 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi mbaghad fil-kaz **“Galea vs Walsh”** (P.A. 30 ta’ Marzu, 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata”*. Fil-kaz **“Muscat vs Borg Grech”** (P.A. – 14 ta’ Awissu 995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f’dawn il-kliem:-

*“ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu”.*

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cjoe’ ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe”** (P.A. 14 ta’ Lulju,1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **“Grech vs Grech”** (P.A. – 9 ta’ Ottubru 1990), u **“Aquilina vs Aquilina”** (P.A. 30 ta’ Jannar 1991).

<u>**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta mhux kontradett li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat peress li huwa eskluda b’mod pozittiv il-prokreazzjoni ta’ ulied mill-kunsens tieghu taz-zwieg u dan meta tali kuncett huwa wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fil-fatt jidher li fuq dan il-punt huwa ssimula l-kunsens tieghu u f’dan fil-kuntest tal-azzjoni odjerna jfisser li l-konvenut dahal ghal dan iz-zwieg bl-intenzjoni specifika li ma jkollux ulied, u dan jinsab korroborat mill-fatt li matul il-konvivenza tieghu mal-attrici huwa wara li zvela li dejjem kienet dejjem l-intenzjoni tieghu, li zamm mohbija mill-attrici fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, u minkejja diversi tentattivi mill-attrici sabiex ibiddel fehemtu, l-konvenut baqa’ sod fil-konvinzjoni tieghu li ma riedx ikollu tfal minn din ir-relazzjoni tieghu mal-attrici.

Illi fuq dan l-ahhar punt il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi"** (P.A. (RCP) 7 ta' Jannar 2003) u cjoe:-

*"minn dan kollu jidher li l-attur kellu fil-mument taz-zwieg tieghu mal-konvenuta difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga billi ssoggetta l-kunsens tieghu ghall-konvivenza mal-konvenuta ghall-kundizzjoni li huwa ma jkollux ulied mill-istess zwieg u dan ghalhekk iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-elementi essenzjali taghha u wkoll li bil-kunsens tieghu huwa eskluda pozittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huwa l-kuncett ta' prokreazzjoni ta' ulied, u hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi **"David Mangion vs Maria Sciberras"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"E vs F"** (P.A. (F.D.) 1 ta' Lulju 1994); **"Elizabeth Zammit nee' Consiglio vs John Zammit"** (P.A. (S.B.C.) 14 ta' Marzu 1986); **"Mary Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u **"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"** (P.A. (N.A.) 21 ta' April 1999), u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur".*

Illi din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghad-decizjonijiet **"Sharon Bezzina vs Richard Bezzina"** (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002); u **"Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil *et nomine*"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003), **"Angolina sive Julie Abdel Dawah vs Dr. Martin Fenech *et nomine*"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003) u l-Qorti thoss li apparti dak premess, dak hemm citat u l-principji ennuncjati fl-istess sentenzi ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Illi jirrizulta wkoll li mill-provi l-kunsens tal-attrici stess kien affett b'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u dan peress li *nonostante* l-fatt li jidher li l-istess attrici qatt ma kellha ntenzjoni qabel iz-zwieg li hija tinaghqad mal-konvenut f'din l-unjoni, hija xorta wahda

accettat l-avvanzi tal-konvenut ghaz-zwieg anke ghaliex hija stqarret li jekk tghidlu li ma kenitx lesta li tizzewgu hija bezghet li titilfu u b'hekk tispicca r-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi jidher car li dan ma huwiex l-animu u l-impenn rikjest sabiex mara tidhol ghal dan l-istat ta' hajja, li *nonostante* d-diffikultajiet kollha tal-hajja anke moderna, xorta tibqa' l-bazi tas-socjeta' taghna, ghaliex jidher car li sabiex bniedma taccetta li tinaghqad fiz-zwieg biss minhabba r-ragunijiet imsemmija mill-attrici, ikun ifisser li hija tkun hadet dan il-pass ghar-ragunijiet egoistici taghha, b'dan li filwaqt li hija ma rieditx titlef il-kumpanija jew relazzjoni mal-konvenut, hija ma setghet qatt taghti lilha nnfisha ghall-gid tal-hajja komunali, u fil-fatt mill-provi prodotti, jidher li dan ma sehhx, anke ghaliex l-attrici qatt ma kellha l-emozzjoni u l-passjoni necessarja ta' mhabba li tghaqqad zewg persuni f'unita' komunali unika. Anzi mill-provi prodotti jidher li l-attrici minn dejjem kellha dubji kbar dwar dak li hija verament kienet thoss ghall-konvenut, kemm qabel iz-zwieg u anke wara z-zwieg, fejn f'dan l-ahhar perjodu jidher li kien hemm adirittura avverzjoni ghal dak li kien jipprezenta l-konvenut ghaliha, dovut ukoll bla dubju ghall-ingann prattikat minnu, meta kif inghad bla ma qalilha, huwa kien eskluda *a priori* l-prokreazzjoni ta' ulied mill-unjoni tieghu maghha.

Illi ghalhekk jirrizulta li abbazi tal-premess il-kunsens tal-attrici stess kien ivvizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** u minhabba l-fatti kif esposti, u l-ingann prattikat mill-konvenut dwar l-ulied fiz-zwieg, jew ahjar l-eskluzjoni totali taghhom mill-kunsens simulat tal-konvenut ghall-istess zwieg, jidher ukoll li l-kunsens tal-attrici fi kwalunkwe kaz kien akkwistat b'qerq prattikament volontarjament u konxjentozament mill-konvenut ghad-dannu tal-attrici; fil-fatt mill-provi prodotti jdher li kieku l-attrici kienet taf li l-konvenut qatt ma ried tfal minnha u fiz-zwieg li suppost dahlu fih, hija certament ma kenitx taccetta lanqas apparentament li tizzewweg lill-konvenut u ghalhekk hemm ukoll bazi sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255.**

Illi ghall-kuntrarju ma jidhirx mill-provi prodotti li d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (a)** gew sodisfatti fil-kaz *de quo.*

Illi ghalhekk it-talba tal-attrici ghandha tigi milqugha, u z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fl-1 t'Ottubru 1983 ghandu jigi dikjarat null a bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumcja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kontrattat bejn l-partijiet fl-1 ta' Ottubru 1983 ghandu jigi ddikjarat null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------